MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 170/2011

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**Vs**

**Carmelo Said (I.D. Nru. 67077M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors guramentatipprezentat mis-socjetà rikorrenti fil-25 ta’ Mejju 2011 permezz ta’ liema tippermetti li b’ittra ufficjali mahruga ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-Numru 4165/07 datata 17 ta’ Lulju 2007, notifikata lill-intimat u debitament reza esegwibbli skond l-imsemmi artikolu tal-Ligi fit-28 ta’ Jannar 2008, giet kanonizzata kreditrici ta’ l-intimat fis-somma ta’ ghaxart elef seba’ mija tlieta u hamsin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€10,753.85) oltre l-imghaxijiet legali bir-rata ta’ 8% fis-sena mill-11 ta’ Gunju 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament, oltre l-ispejjez skond l-istess ittra ufficjali; li wara li saru diversi pagamenti l-intimat baqa’ debitur taghha u peress illi ghaddew izjed minn tlett (3)

snin mid-data li fiha l-istess ittra ufficjali giet reza titolu ezekuttiv, titlob, prevja kull dikjarazzjoni u provvediment opportun, li tigi awtorizzata ai termini ta’ l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tesegwixxi it-titolu esekuttiv taghha fil-konfront ta’ l-intimat ghall-bilanc lilha dovut;

Rat l-*istatement of account* u l-ittra ufficjali bin-Nuru 4165/07 esebiti flimkien mar-Rikors promotur, a fol. 2 sa’ 5 tal-process;

Rat id-Digriet Taghha tas-26 ta’ Mejju 2011 li bih ir-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghall-4 ta’ Lulju 2011, u gie ordnat li l-istess Rikors u Digriet jigu notfikati lill-intimat bi zmien ghaxart (10) ijiem ghar-Risposta;

Rat illi r-Rikors u d-Digriet imsemmija gew notifikati lill-intimat fid-9 ta’ Gunju 2011;

Rat illi waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Lulju 2011 deher l-intimat li talab estensjoni taz-zmien sabiex jipprezenta Risposta ghar-Rikors promotur;

Rat illi l-intimat gie koncess zmien sas-7 ta’ Lulju 2011 biex jipprezenta r-Risposta tieghu, u r-Rikors thalla ghall-provi u trattazzjoni ghall-11 ta’ Lulju 2011;

Rat illi minkejja t-terminu ulterjuri koncess lill-intimat biex iressaq Risposta ghar-Rikors promotur, huwa naqas milli jaghmel dan u naqas ukoll milli jidher ghas-seduta tal-11 ta’ Lulju 2011;

Rat illi l-kontenut tar-Rikors tas-socjetà rikorrenti u tad-dokumenti annessi mieghu gie debitament ikkonfermat bil-gurament mill-P.L. Catherine Fenech fil-25 ta’ Mejju 2011;

Rat l-atti l-ohra tar-Rikors.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li ghaddew iktar minn tlett (3) snin minn dakinhar li fih skond il-Ligi t-titolu ezekuttiv tas-socjetà rikorrenti fil-konfront ta’ l-intimat nascenti mill-

ittra ufficjali mahruga ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 4165/07 datata 17 ta' Lulju 2007, seta' jigi esegwit fil-konfront ta' l-istess intimat.

Illi fil-25 ta' Mejju 2011 il-P.L. Catherine Fenech ikkonfermat bil-gurament il-kontenut tar-Rikors u tad-dokumenti annessi mieghu, ossia l-*istatement of account* ta' l-intimat u l-ittra ufficjali bin-Numru 4165/07, b'dana li kkonfermat ix-xorta tad-dejn pretiz mis-socjetà rikorrenti minghand l-intimat u li ghad hemm bilanc dovut mill-intimat lill-imsemmija socjetà.

Illi l-intimat, ghad illi gie koncess terminu ulterjuri biex jipprezenta r-Risposta tieghu, ma pprezenta ebda Risposta ghar-Rikors tas-socjetà rikorrenti u naqas milli jidher ghas-seduta tal-11 ta' Lulju 2011.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjetà rikorrenti tirrizulta gustifikata u debitament ippruvata ai termini tal-Ligi bil-gurament tal-P.L. Catherine Fenech, a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tilqa' it-talba u tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tesegwixxi kontra l-intimat, permezz tal-Mandati Ezekuttivi opportuni, it-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront tieghu nascenti mill-ittra ufficjali mahruga ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 4165/07 datata 17 ta' Lulju 2007; bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------